# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 8 ta' April 1999**

**Numru 16**

**Citaz. numru 1763/96 DS**

Mark u Doreen konjugi Rizzo
vs
Max Castagna ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Maxi Quartz Limited; u
Joseph Attard

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fl-24 ta' Mejju 1996 li permezz taghha l-atturi, wara li ppremettew illi:

In segwitu ta' mandat ta' qbid numru 720/94 (Kummerc) mitlub mill-konvenut Max Castagna nomine, gew elevati l-effetti indikati fir-referta relattiva tal-mandat de quo liema referta qed tigi esebita bhala dokument A.

Il-konvenut Max Castagna nomine ppresenta rikors sabiex dawn l-effetti jinbieghu bis-subasta.

L-effetti kollha maqbuda jappartjenu lill-atturi u mhux lill-konvenut Joseph Attard. (ara Dok. B)

Konsegwentement il-proceduri tas-subasta numru 77/95 fl-ismijiet *Max Castagna ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Maxi Quartz Limited vs Joseph Attard* huma irriti u nulli.

Talbu li din il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:

1. Tiddikjara li l-effetti maqbuda bil-mandat numru 720/94 (Kummerc) jappartjenu lill-atturi.

2. Tiddikjara s-subasta numru 77/95 fl-ismijiet *Max Castagna ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta Maxi Quartz Limited vs Joseph Attard* bhala nulli u rritwali ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez u l-imghax u l-konvenuti ingunti in subizzjoni.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-konvenuti debitament notifikati baqghu kontumaci;

Ikkunsidrat illi:

Mill-provi jirrizulta li Max Castagna f'isem is-socjeta' Maxi Quartz Limited kien ottjena l-esekuzzjoni ta' mandat ta' qbid kontra l-konvenut l-iehor Joseph Attard in segwitu ghal sentenza tal-Qorti tal-Kummerc tas-17 ta' Marzu 1994. Gew maqbuda salott, grandfather clock, television tal-kulur u wall-unit. Issa l-konvenut Joseph Attard jigi missier l-attrici Doreen Rizzo u hu u l-atturi jabitaw fl-istess fond, cioe' St John House, Sunflower Street, Fgura. Difatti b'kuntratt ta' lokazzjoni tas-27 ta' Gunju 1991 (Dok. B a fol. 9 u 10 tal-process) l-imsemmi fond gie mikri mill-konvenut Attard lill-attur bil-kondizzjoni li "s-sid ghandu dritt ikompli jabita fil-fond de quo flimkien ma' martu u uliedu sakemm imut u sakemm tmut il-mara tieghu" (para. 8).

Fid-dikjarazzjoni guramentata, l-attrici Doreen Rizzo kkonfermat li l-ghamara maqbuda hija proprjeta' taghhom (jigifieri ta' l-atturi). Fis-seduta tas-17 ta' Marzu 1999 l-attur xehed u kkonferma li l-ghamara maqbuda hija tieghu.

Ghalkemm il-kliem fil-kuntratt imsemmi "ikompli jabita" jindikaw li Joseph Attard kien diga' qieghed jabita fil-fond imsemmi mal-familja tieghu u allura wiehed jippresupponi li kellu l-ghamara tieghu, ix-xiehda ta' l-atturi almenu in kwantu tirrigwarda l-oggetti partikolari tal-ghamara

maqbuda ma giet bl-ebda mod kontradetta. It-talbiet attrici b'hekk jidhru li huma gustifikati.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici u

(1) tiddikjara li l-effetti maqbuda bil-mandat numru 720/94 (Kummerc) jappartjenu lill-atturi, u

(2) tiddikjara s-subbasta numru 77/95 fl-ismijiet *Max Castagna ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Maxi Quartz Limited vs Joseph Attard* bhala nulli u rritwali ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez li jithallsu bin-nofs bejn il-konvenuti.

Grazio Galea
D/Registratur